Lil Andrea, Kbir Appostlu
Jixraq wisq li nonoraw
U bħala protettur tagħna
Lilu mmorru nimitaw.



# Il-Bidu u t-Tixrid tal-Kult lejn il-Madonna tad-Dawl

**Carmen Lia**
*B. Ed (Hons), B. A.*

Il-Madonna sa minn dejjem tieħu gieħ mill-Insara taħt ħafna titoli sbieħ. Hekk imsejħa "*Għajnuna tal-Insara*", "*Il-Faraġ tal-Imnikktin*", "*Madonna tal-Ġilju*" u ħafna oħrajn. Għandha wkoll dak ta' "*Omm tad-Dawl*". Kif ġie dan it-titolu ta' "*Madonna tad-Dawl*?"

L-oriġini ta' dan it-titolu jmur lura għal meta ċertu patri missjunarju Ġiżwita, Giovanni Antonio Genovese, ried imur fl-artijiet tal-Missjoni u ħaseb biex jieħu miegħu xbiha fuq it-tila tal-Verġni Mbierka, iżda ma kienx jaf kif se titpitter. Għalhekk talab lill-persuna li kienet devota tal-Madonna tad-Dawl, u li kemm-il darba kienet rat f'viżjonijiet il-Madonna, biex tatih deskrizzjoni. Skont hi, il-viżjoni kienet turi lill-Madonna bil-wieqfa żżomm lil binha Ġesù f'idha x-xellugija u fuq l-istess naħa Anġlu kbir iżomm kannestru mimli qlub umani li waħda waħda b'għajnejn u bl-atti tiegħu kien qiegħed isaħħanhom u jkebbishom bl-imħabba u jippreżentahom lill-Madonna. Minn idha l-leminija l-istess xbiha tal-Madonna kienet qed teħles ruħ midinba min-nar tal-infern u żżommha merfugħa 'l fuq. Diversi anġli jżommu kuruna f'għaxar stilel fin-naħa ta' fuq ir-ras tal-Madonna. Madwarha kollha dawl.

Fl-aħħar ta' dik id-dehra l-Madonna kienet qalet li xtaqet tkun impittra f'dik il-manjiera li dehret u li tkun imsejħa bl-isem tal-"*Omm Santissima tad-Dawl*". Pittur irrealizza l-opra mixtieqa u hekk bdiet il-qima lejn il-Madonna tad-Dawl.

L-ewwel dehra tal-Madonna tad-Dawl kienet ġrat f'Palermo fis-sena 1722. Imbagħad ix-xbiha xterdet madwar Sqallija u d-devozzjoni lejn il-Madonna tad-Dawl tant kibret li l-qima waslet sal-belt Messikana ta' Leon, fejn fis-sena 1872 kienet magħżula patruna.

Wara s-suċċessi fi Sqallija u bnadijiet oħra, il-Malti Markiż Antonio Pio Depiro sab oppressjoni serja mill-Isqof ta' Sirakuża meta pprova jwaqqaf altar għad unur tagħha f'Avola bil-ġurisdizzjoni tal-imsemmi Isqof. Huwa appella lis-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti. Din il-Kongregazzjoni tat it-tweġiba formali fl-1742 fejn ordnat lill-Isqof biex ma jħallix it-tixrid ta' din il-qima sew fid-djoċesi tiegħu kif ukoll fi knejjes li ma kienux taħt il-ħakma tiegħu. Fuq kollox ktejjeb miktub minn awtur mhux magħruf li jġib l-isem "*La Devozione Della Madre Santissima Del Lume*" kellu jiġi miżmum miċ-ċirkulazzjoni tiegħu sakemm ikun eżaminat mis-Sagra

Kongregazzjoni tal-Indiċi.

F'Malta s-sitwazzjoni kienet xi ftit differenti. Ma jirriżultax illi d-digriet tal-Kongregazzjoni tar-Riti kellu riperkussjonijiet fid-djoċesi tagħna. L-ewwel turija ta' dan il-kult f'Malta hija marbuta ma' knisja rurali fil-limiti parrokkjali taż-Żejtun fin-naħiet magħrufa bħala "*Ta' Bidni*". Din il-knisja, qabel magħluqa għall-kult pubbliku, infetħet mill-ġdid fl-1733 u l-kult lejn il-Madonna tad-Dawl dritt ġibed qima popolari. Knisja ġdida f'unurha nbniet fuq l-istess post ta' qabel madwar is-sena 1754. Sadanittant nies minn Malta kollha marru hemm biex iqimu l-Madonna. Jidher li ċertu spiżjar Ġużeppi Mallia kien il-promotur ta' din il-qima f'din il-knisja.

Is-snin tal-1730 jixhdu wkoll it-tixrid ta' din il-qima f'sitt parroċċi oħra fejn kopji tal-pittura tagħha tpoġġew għall-qima pubblika. Din il-qima sabet il-quċċata tagħha lejn it-tmiem tal-1740 sal-1759. Sbatax-il parroċċa oħra, fosthom Ħal Luqa, aċċettaw din il-qima Marjana normalment mal-parroċċa. Din id-drawwa hawnhekk adottata mxew fuqha wara, f'forom ta' qima differenti, hekk li xi kopji tal-pittura li juru l-Madonna tad-Dawl tpoġġew sotto titular fuq l-altari jew f'altari tal-ġnub. Hemm ċirkustanzi fejn altari ġew iddedikati lilha f'dan iż-żmien. Dawn l-altari ġew imwaqqfa fil-Birgu fl-Oratorju ta' San Filippu Neri, fil-knisja ta' San Ġakbu fiż-Żurrieq, kif ukoll fil-Kappella ta' San Mikiel fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa.

F'Ħaż-Żebbuġ insibu knisja fejn ta' kull sena għadha tiġi organizzata festa solenni u devota lill-Madonna tad-Dawl. Din il-festa ssir fit-Tieni Ħadd ta' Novembru. Issir bi Tridu qabel, u l-Ħadd jum il-festa l-quddies jibda fis-sitta ta' filgħodu. Fil-quddies tad-disgħa ta' filgħodu jsir it-tberik tat-trabi u wara nofs in-nhar quddiesa kantata bil-paneġierku.

Postijiet f'Malta fejn insibu li kien hemm jew għad hemm id-devozzjoni lejn il-Madonna tad-Dawl huma l-Għargħur, in-Naxxar, il-Mosta, Ħal Lija, Birkirkara, Ħal Balzan, Ħ'Attard, l-Imdina, ir-Rabat, Malta, il-Qrendi, iż-Żurrieq, is-Siġġiewi, l-Imqabba, Ħal Safi, Ħal Kirkop, il-Gudja, Ħal Għaxaq, Ħal Tarxien, iż-Żejtun, Ħaż-Żebbuġ (Malta), Ħal Qormi, il-Birgu, Bormla, il-Belt Valletta kif ukoll Ħal Luqa.

## Il-kult f'Ħal Luqa

### Kwadru fil-Kappella ta' San Mikiel

F'Ħal Luqa, id-devozzjoni lejn il-Madonna tad-Dawl hija antika ħafna. Din tmur lura għall-1745 meta saret xbiha tal-Madonna tad-Dawl fuq l-altar ta' San Mikiel fil-ġenb tal-Knisja Parrokkjali.[1] Dan ħa post kwadru ieħor. Kien ġara li fl-1719 it-Terzjarji ta' Santu Wistin kienu poġġew inkwadru tal-Madonna taċ-Ċintura fuq l-iskannell tal-altar ta' San Mikiel. Meta eventwalment tneħħa dan il-kwadru, il-Kappillan Dun Anton Casha[2] li kien Qormi qiegħed floku xbiha tal-Madonna tal-Dawl.[3]

### In-niċċa tal-Madonna tad-Dawl

In-niċċa hija waħda mill-affarijiet l-aktar karatteristiċi ta' Malta, xhieda ħajja tal-qima li missirijietna dejjem kellhom lejn Alla u l-Qaddisin. Niltaqgħu magħha tista' tgħid f'kull rokna tal-ibliet u l-irħula tagħna, saħansitra anke fil-kampanja. Ħafna drabi nsibuha mħaffra f'xi kantuniera jew fil-faċċata ta' bosta djar u rziezet iżda xi drabi nsibuha mibnija għaliha f'għamla ta' kappella żgħira.

Fil-periferija ta' Ħal Luqa, f'salib it-toroq aħna u sejrin lejn l-Imqabba jew lejn iż-Żurrieq, insibu triq dejqa li sserrep qalb l-għelieqi u l-barrieri fl-inħawi magħrufa bħala tad-Dawl. Għal snin twal din it-triq serviet bħala dħul prinċipali għall-irħula tal-Imqabba u tal-Qrendi. Interessanti li fil-bidu tat-triq illum magħrufa bħala "l-*Qadima*", kienet teżisti struttura tal-ġebel f'għamla ta' loġġa bi tliet arkati. Din l-istruttura kienet tinsab f'nofs it-triq biex min-naħa wieħed jgħaddi għall-Belt u min-naħa l-oħra għall-

irħula tal-Imqabba, Qrendi, Żurrieq u oħrajn. Il-loġġa nbniet għall-ħabta tal-1741 fi żmien il-Gran Mastru Manuel Pinto de Fonseca[4] meta kien laħaq Gran Mastru. Fl-1742 it-taħriġ għas-sitt Kumpaniji tad-Dejma ta' Ħal Luqa, l-Imqabba u l-Gudja kien isir mill-kurunell tar-riġment fil-wisgħa ta' quddiem il-loġġa u n-niċċa tal-Madonna tal-Dawl. Is-suldati kienu ta' spiss jagħmlu t-taħrig fl-armi biex jitħeġġu f'każ ta' attakk mill-għadu u b'hekk ikunu ppreparati u lesti. Il-loġġa li kienet għadha kif inbniet kienet isservi biex dawn is-suldati tad-Dejma jkunu jistgħu jerfgħu ħwejjiġhom u jistrieħu xi ftit.

Il-loġġa kellha tliet arkati u fuqha fil-ġnub l-istatwi ta' San Pietru u ta' Sant'Andrija, kif ukoll salib tal-ġebel fin-nofs. Fuq l-arkati kien hemm imnaqqxa l-arma tal-Granmastru Pinto biex turi li n-niċċa kienet inbniet waqt il-ħakma tiegħu. Ġewwa l-loġoġ kien hemm meqjuma x-xbiha tal-Madonna tad-Dawl skolpita bassu-riliev. Din in-niċċa kienet tħares fid-direzzjoni ta' Ħal Luqa u kellha quddiemha lampier dejjem jixgħel. Għal għexieren kbar ta' snin kienu jieħdu ħsieb in-niċċa l-Ħalluqin. Fosthom insibu lil Rafel Dalli u l-familja tiegħu kif ukoll lil Feliċ u Natal aħwa Sammut li kienu jieħdu ħsieb jixegħlu ż-żejt quddiem dan l-inkwatru kbir tal-ġebel. Jidher li dan l-inkwatru kien jiġbed devozzjoni kbira lejn il-Madonna tad-Dawl għaliex kienu jmorru ħafna nies jitolbu quddiem din ix-xbiha kif ukoll jixegħlu ż-żejt. Fil-fatt kien sit popolari ferm għal din id-devozzjoni lejn il-Madonna tad-Dawl. Fl-1930 fil-ġurnal "*Leħen is-Sewwa*", insibu lil Monsinjur Gauci jikteb li f'Malta kienu jeżistu "*tliet bnadi prinċipali li kellhom il-qima tal-Madonna tad-Dawl, wieħed aħna u sejrin l-Imqabba jew iż-Żurrieq, f'salib it-toroq 'l hinn minn Ħal Luqa; Ħaż-Żebbuġ u l-Imdina ftit 'il hawn mill-Knisja tal-Karmnu*".

L-inkwatru tal-Madonna tad-Dawl li kien jinsab fil-loġġa huwa nkwatru prezzjuż ferm peress li x-xbiha tal-Madonna hija skolpita fil-ġebla stess u hija ġebla waħda. Fi żmien it-Tieni Gwerra, l-aħwa Sammut kienu ħadu dan l-inkwatru fid-dar tagħhom peress li ħasbu li kien ser jintlaqat mill-bombi tal-għadu u peress ukoll li l-arkati tal-ġebel u n-niċċa tneħħew mill-Militar Ingliż meta ried ikabbar il-mitjar, iżda jingħad li l-ġebel tagħha b'xorti tajba ġie merfugħ. Fortunatament ukoll



L-aħwa Feliċ u Natal Sammut




Il-bassu-riliev tal-Madonna tad-Dawl li kien jinsab fin-niċċa u llum qiegħed fil-Mużew tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa.

l-aħwa Sammut ħadu dan l-inkwatru kbir tal-ġebel fid-dar tagħhom f'Ħal Luqa u dam għal snin twal ġewwa darhom. Dan l-inkwatru baqa' devot man-nies għaliex għal snin twal kienu saħansitra jmorru n-nies fid-dar tal-aħwa Sammut jitolbu quddiem din ix-xbiha u jixegħlu ż-żejt. Dan l-inkwatru baqa' miżmum b'għożża kbira minn din il-familja sa meta l-kappillan ta' Ħal Luqa Dun Joseph Camilleri, illum mejjet, kien talab lura dan l-inkwatru tal-ġebel li kien fil-pussess ta' Mananni Camilleri minn Ħal Luqa. Dan l-inkwatru llum jinsab fil-Mużew tal-Knisja Parrokkjali.

Dawn l-inħawi fejn kien hemm in-niċċa għadhom magħrufa bħala tad-*Dawl*. Il-barriera magħrufa tad-Dawl kienet fost l-ewlenin għal Ħalluqin kif ukoll għall-Imqabbin.

Fuq dawn l-inħawi nsibu t-tifkiriet ta' meta kien għalliem Anthony Valletta fl-awtobiografija "*Mit-Tfulija man-Natura*":

"*Fl-1934 il-mitjar ma kienx hemm u floku kien hemm raba' bi trejqat bejniethom... u kien ta' gost xi mixja lejn dawk l-inħawi bħal tal-Isqof, Ħal Farruġ. Xi dawra oħra li konna nagħmlu kienet tkun lejn il-knisja ta' Bir Miftuħ fil-bidu tal-Gudja int u sejjer minn Ħal Luqa, jew lejn in-niċċa tal-Madonna tad-Dawl qabel ma taqbad l-Imqabba*".[5]

Din il-festa Marjana tal-Madonna tad-Dawl kienet tkun iċċelebrata fil-Knisja Parrokkjali kull sena nhar il-festa tal-Patroċinju tal-Madonna li kien jaħbat fit-Tieni Ħadd ta' Novembru. Il-pittura li turi l-Madonna tad-Dawl kienet tkun fuq l-altar tal-ġenb. L-altar fejn kien hemm meqjuma din ix-xbiha kien l-altar ta' San Mikiel.

Fl-1937, kien sar rikors sabiex isir restawr tan-niċċa peress li kienet tinsab fi stat ħażin ferm. Ir-rikors sar minn Natala Sammut ta' 51, Triq San Ġorġ, Ħal Luqa. Fir-rikors intqal li kien hemm persuna li kienet lesta li tħallas għar-restawr tan-niċċa. Ir-rikors kien miktub bit-Taljan.

Il di 22 agosto 1937.[6]

A Sua Ecc. Reveren. Mons. Dom. Mauro O.S.B.

Arcivescovo Vescovo.

Umile Ricorso di Natala Sammut di C. Luqa.

Espone,

1) Che la nicchia della Madonna delle Grazie comunemente appellata tad-Dawl sita nei limiti di C. Luqa minaccia rovina ed ha bisogno di riparazione.
2) Che io tengo la custodia di detta nicchia e le chiavi si tenevano sempre presso la mia famiglia più di 100 anni addietro.
3) Che si è capitata una persona pia che vuole fare le spese occorrenti per detta riparazione.

Pertanto prego V. Ecc. Rev. di essere autorizzata per restaurare e modificare la detta nicchia a tenore della pianta qui annessa.

E della grazia

Natala Sammut

No. 51, St. George's Street, Luqa.

Presentato in Duplicato (con uno schizzo) dalla ricorrente il di 25 agosto 1937.

Alla Giunta per la tutela della antichità.

Dato dalla Curia il 10 sett. 1937.

La Giunta per la tutela della Antichità Ecclesiastiche vuole che si presenti un altro disegno con elevazioni spaccate.

16 ottobre 1937.

Il segretario Sac. A. Vella.

Dichiaro di aver ritirato lo schizzo presentato col

retroscritto ricorso.

19 ottobre 1937.

Mons. Ant. Vella per le riccorrente.

La Giunta per la tutela delle Antichità

Ecclesiastiche decide di tenere un sopraluogo.

9 novembre 1937.

Il segretario Sac. Ant. Vella.

La Giunta per la tutela delle Antichità

Ecclesiastiche approva il disegno.

28 gennaio 1938.

Il segretario Sac. Ant. Vella.

Giunta Antichità.

Sammut Natale.

Restaurazione di Nicchia Pubblica.

Sfortunatament għal-Luqin, in-niċċa





Il-loġoġ li fiha kien hemm il-Madonna tad-Dawl fejn jidher li kien hemm xi festin, ippubblikati fil-ktieb Rajt Malta Tinbidel ta' Herbert Ganado Vol 1. Jidhru ukoll nisa lebsin l-għonnella mexjin lejn il-loġoġ, Fil-bogħod tidher il-Koppla tal-Karmnu tal-Vittorja ta' Ħal Farruġ u n-naħa tal-lemin tidher il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa.

eventwalment tneħħiet mill-Militar Ingliż fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija peress li kienet tostakola l-moviment tal-Militar.

**Referenzi**

1 **AAM, VP**, 1744-51, 335r.

2 Dan il-Kappillan kien Qormi.

3 **AAV. Seg. V.P.** 1685-87b, f.344v;, V.P. 1771-74, f. 494r.

4 **Dun Ġużepp Micallef**. *Ħal Luqa. Niesha u Ġrajjietha*. Malta, Veritas Press, 1975, p. 184 li jagħti d-data tal-bini tal-loġġa bħala 1740 meta Pinto laħaq Gran Mastru fl-1741.

5 **Anthony Valletta**. *Mit-Tfulija man-Natura*. Malta, 1983, pp.23-24.

6 Rikors. 22/08/1937.